GUDJA

Minuti tat-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2012 fis-6.30p.m. Din il-laqgħa kienet msejħa b'urġenza.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Kunsillier; | Anthony Dalli |
| Assenti: | Kunsillier; | Osvaldo Pae |

Agenda:-

1. Xogħol ta' patching f'diversi toroq.

2. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-7.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Anthony Dalli kien qed iservi ta' ġurat f'ġuri. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward is-Sur Dalli għandu jiġi konsidrat bħala skużat.

**1.0 Xogħol ta' patching f'diversi toroq.**

1.1 Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill kien ipprepara diversi stimi dwar patching f'diversi toroq fil-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' dawn l-istimi u qabel li ġew għoljin u ma kinex jidher vijabbli li jsiru b'dawk l-istimi.

1.2 Il-Kunsill iddiskuta possibilta li flok asphalt jintuża konkos sabiex jimtlew l-ħofor flok jintuża l-asphalt li kien qed jiġi konsidrat għoli ħafna.

1.3 Il-Kunsill ikkonsidra l-ħtiġijiet ta' diversi toroq, fosthom fi Triq tal-kamra tan-nar, Triq Filippu Castagna speċjalment fejn hemm l-iskola St Joan Antide, Triq San Ġorġ u Triq Pietru Gagilardi.

1.4 Il-Kunsill qabel li fi Triq tal-kamra tan-nar jsir il-konkos li għandu jiġi livellat kif ikun meħtieġ u li għandu jsir bil-konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill.

1.5 Dwar toroq oħra msemmija l-Kunsill qabel li jinxtraw mitt (100) borża asphalt u tnax (12) –il landa sealer u li jiġi mikri apparat meħtieġ sabiex fi żmien qasir issir xogħol ta' patching mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

1.6 Il-Kunsill qabel ukoll illi jsir eżerċizju mal-Perit tal-Kunsill sabiex fejn ikun possibli jsir xogħol ta' patching ta' biċċiet sħaħ kif qed tagħmel TM f'toroq arterjali.

**2.0 Għeluq tal-laqgħa**

2.1 Mal-għeluq tal-laqgħa l-Kunsill qabel li ssir xogħol dwar kaxxa safra fi Triq Sta Katarina u xogħol ieħor sabiex jittawwal is-sinjal isfar fi Tri qid-Dejqa, Gudja, dan sabiex jonqos l-inkonvenjent li jeżisti għar-residenti rispettivi.

2.2 Peress li l-materja li għalija ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.10pm sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________